# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.

**Kawza Nru: 364/2013**

**Illum: 4 ta' Novembru, 2016**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Ivan Mallia**
**(ID 0079474(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Ivan Mallia ta' 39 sena, iben Anthony u Teresa nee` Attard, imwieled il-Pieta` nhar l-14 ta' Jannar 1974, residenti gewwa Nru. 5, 'Il-Gabuba', Triq il-Forn, Sqaq Numru 1, Lija u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 0079474(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer f'Settembru 2011 u fix-xhur ta' wara din id-data:

a) Ikkoltiva l-pjanta *Cannabis* bi ksur tal-artikolu 8(c) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Importa jew gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tigi importata medicina perikoluza (*hemp seeds*) f'Malta, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) U aktar talli b'hekk sar recidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Appell, preseduti mill-Imhallef Dr. M. Mallia LL.D. fil-25 ta' Ottubru 2012, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra u dan ai termini tal-Artikolu 49 u 50 [tal-Kap. 9] tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar il-21 ta' Dicembru 2012, pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga esegwew mandat ta' tfittxija u arrest fil-konfront tal-imputat odjern. Huma ghamlu tfittxija fir-residenza tieghu, liema tfittxija rrizultat fin-negattiv u fil-garaxx 81, Triq Annibale Preca, Lija, sabu fuq wara tal-istess, bhal parti maqtugha ghaliha maghmula minn *partitions* tal-injam u armadju fejn instabu diversi *pots* tal-qsari vojta, *extractor fan* u fanal b'bozza kbira. Instabet ukoll injama bil-*holders* tal-bozoz. Fil-pussess tal-imputat instab *mobile phone*. Ma nstabet l-ebda sustanza illegali fil-pussess tal-imputat.[1]

Il-garaxx imsemmi u l-oggetti misjuba fl-istess jidhru fir-ritratti formanti parti mir-relazzjoni ta' PS 826 Matthew Parnis, li tinsab esebita a fol. 37 tal-process. Ir-relazzjoni ta' PS 122 Arthur Borg, imbaghad, tindika l-oggetti li gew elevati u sussegwentement, esebiti formalment f'dawn il-proceduri, u cioe` "*stainless steel sheet f'forma ta' lightshade li maghha hemm imwahhla bozza 250W tad-ditta Osram*", "*Air Blower*" u "*Lightshade ohra maghmula mill-injam u moghtijja bil-*

[1] Ara x-xhieda ta' PS 1174 Adrian Sciberras, a fol. 22 *et seq* tal-process u x-xhieda ta' PC 1213 Carlos Axisa, a fol. 32 *et seq* tal-process.

*foil u li maghha kella sittax (16) il-Bayonet light cap imwahla*". Dan apparti diversi *pot trays* u *pots* ta' varji qisien.[2]

Ir-ritratti misjuba fil-*mobile phone* tal-imputat jifformaw parti mir-relazzjoni tal-espert mahtur fil-mori tal-inkjesta dwar dan il-kaz, Dr. Martin Bajada.[3]

L-imputat gie arrestat u rrilaxxja stqarrija nhar il-21 ta' Dicembru 2012, wara li nghata s-solita twissija li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma jkunx jixtieq li jaghmel dan, izda dak li jghid jista' jingieb bhala prova u wara li nghata d-dritt li jottjeni parir legali, liema dritt huwa ghazel li ma jezercitahx.[4] In oltre l-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi f'dan il-kaz, il-Prosekuzzjoni qed tistrieh primarjament fuq l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, fejn huwa ammetta li kien importa zerriegha tal-*cannabis* u li kien zera l-istess, bir-rizultat li dawn nibtu u kibru fi pjanti. Stante li l-imputat gie arrestat u rrilaxxja din l-istqarrija fil-21 ta' Dicembru 2012, fiz-zmien meta ma kien fadal xejn minn dawn il-pjanti ghaliex sa dakinhar, skont l-imputat, huwa kien rema kollox, id-difiza ssostni illi m'hemm l-ebda prova forensika fl-atti li tindika li dawn il-pjanti effettivament kienu pjanti *cannabis*. Ghalhekk, skont id-difiza, l-att materjali tar-reat ma jirrizultax sodisfacentement ippruvat.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat jammetti b'mod car illi huwa kien kabbar il-pjanti *cannabis*. Jghid illi dakinhar stess, il-pulizija kienu elevaw mill-garaxx tieghu, l-affarijiet li huwa kien juza sabiex ikabbar dawn il-pjanti. Jghid ukoll illi kienet gietu l-idea li jipprova jkabbar xi pjanti *cannabis* ghaliex kien thajjar jaghmel dan mill-*internet* u li kellu l-materjal kollu sabiex ikun jista' jikkultiva din il-pjanta. Wara li kien ra diversi *videos* fuq *youtube* li kienu jispjegaw pass b'pass kif kellu jarma u jkabbar dawn il-pjanti u ra li kellu l-apparat kollu li kellu bzonn, huwa ddecieda li jipprova jaghmel dan. Ghalhekk mar fuq is-sit '*google*' u dahhal il-kelma *marijuana* u ghazel sit biex ikun jista' jixtri minn fuqha z-zerriegha tal-*cannabis.* Kien f'Settembru 2011, meta ordna tmien zerriegha li gew mibghuta lilu mill-Olanda u waslulu xi gimgha wara. Jghid illi huwa zera z-zerriegha kollha u wara xahrejn, peress illi erba' minnhom kienu rgiel, dawn nehhihom sabiex ma jhassrulux lin-nisa. Il-pjanti nisa komplew jikbru u wara xahar kibru xi metru u nofs. Meta wasal iz-zmien li jibdew johorgu l-fjuri, huwa nduna li l-pjanti kienu

[2] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 51 *et seq* tal-process.
[3] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 29 *et seq* tal-process.
[4] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 2 sa 4 tal-process.

gew attakkatti mill-insetti sakemm qatluhom, qata' qalbu u rema kollox. Jghid ukoll li huwa zera dawn il-pjanti f'Settembru 2011. Mistoqsi x'kien ser jaghmel bil-pjanti li kieku dawn kienu produttivi, huwa jghid li ma kienx jaf, kien ser jara x'ser jitla' imbaghad jara minn hemm, ghaliex dan kien izjed esperiment ghalih. Mistqosi ghaliex kien ha ritratti bil-*mobile* tal-pjanti *cannabis* li kien kabbar, jghid li dan ghamlu ghas-sodisfazzjoni tieghu, izda jichad li dan ghamlu sabiex ikun jista' jurihom lil haddiehor u eventwalment isib il-bejgh tal-*cannabis*. Jghid ukoll illi wara li dan l-esperiment falla, rcieva kont gholi tad-dawl, hassu halliel tal-familja u ddecieda li jarmi l-pjanti. Jghid illi ma kellu l-ebda hsieb li jerga' jaghmel dan, tant illi l-*pots* instabu lkoll vojta f'xulxin. Jghid ukoll illi l-kamra li kien juza biex ikabbar il-*cannabis* issa kien qed juzaha bhala mahzen tal-ghodda, kif fil-fatt setghet tara l-pulizija. L-imputat jghid illi huwa qatt ma uza droga, izda fuq mistoqsija jekk kienx ipejjep mill-pjanta li kieku din kienet tajba, huwa jghid li ma jafx kemm kienet ser taghtih, izda jghid ukoll li jista' jkun li kien jipprova. Jghid ukoll illi dan li ghamel kien fil-passat u li kien diga` ddecieda li ma jergax jaghmel dan, qabel ma gie arrestat.

Il-Qorti ccitat fit-tul l-istqarrija tal-imputat ghaliex huwa evidenti minn tali stqarrija illi l-imputat ma esprima l-ebda dubju dwar dak li kien qed ikabbar fil-garaxx in kwistjoni u jekk din kinitx pjanta *cannabis* jew xi pjanta ohra. Effettivament jidher mill-istess stqarrija u mill-apparat li nstab fil-garaxx tal-imputat illi l-istess imputat kien jaf ben tajjeb x'kien qieghed jaghmel, li lanqas ma kien xi process li ha zmien qasir, ghaliex biss biss wara xahrejn, jghid li nehha l-irgiel minn man-nisa biex dawn tal-ahhar ikunu jistghu jaghtu l-frott taghhom u wara xahar iehor, dawn il-pjanti kibru metru u nofs (ghalkemm fix-xhieda tieghu jghid li dawn kienu kibru pied u nofs) u ghalhekk jidher li kien ha interess sew biex dan it-tkabbir jirnexxi. Tant kien jidher sodisfatt b'dak li kien kabbar, li jghid illi kien ha ritratti tal-pjanti fuq il-*mobile* tieghu. Mir-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada, jirrizulta illi l-*mobile phone* tal-imputat jikkontjeni diversi ritratti ta' pjanti. Minn kliemu stess, ukoll, jidher illi l-imputat kien qed jonfoq il-flus, ghad-dawl mehtieg sabiex jikbru l-istess pjanti.

Mill-banda l-ohra, fix-xhieda tieghu matul dawn il-proceduri[5], l-imputat jipprova jaghti l-impressjoni illi ma kienx jaf ezattament x'kienu l-pjanti li kabbar u li ma kien konvint xejn li dawn il-pjanti kienu fil-fatt pjanti *cannabis*. Jghid fix-xhieda tieghu illi "*ma tantx kont nahseb li hija cannabis ghax ma rajt xejn milli kont nahseb milli kont nara fir-ritratti. Rajt hafna differenza minnha. Ma tantx stajt*

[5] Din tinsab a fol. 89 *et seq* tal-process.

*inqabbel* ...”[6] u ra li l-weraq kienu differenti minn dak li kien ra fuq l-*internet.*[7] Izjed tard madankollu, in kontro-ezami, l-imputat meta mistoqsi specifikatament x’kien qed jippretendi li jara fil-pjanta biex ikun sodisfatt li din kienet pjanta *cannabis,* ma kien spjegattiv u konvincenti xejn fit-twegiba tieghu u jghid sempliciment “*Jien naf, weraq kbar forsi u hekk*”[8]. F’dan ir-rigward, b’referenza ghar-ritratti li nstabu fuq il-*mobile phone* tieghu, jghid illi kellu minnhom li nizzilhom minn fuq l-*internet* u ohrajn – xi wahda jew tnejn – li kien hadilhom ritratt. Biss meta l-Qorti rat ir-ritratti kollha tal-pjanti fuq il-*mobile phone* tal-imputat[9], innutat li m’hemm xejn fil-weraq ta’ dawn il-pjanti – kemm jekk dawn kienu l-pjanti tieghu, kif ukoll jekk kienu ritratti ta’ pjanti li gabhom minn fuq l-*internet* - li minnhom wiehed jista’ jghid li kienu differenti mill-werqa tal-pjanta tal-*cannabis*, izda anzi pjuttost il-kuntrarju. Il-Qorti tinnota wkoll illi fir-ritratt bin-numru 482, fuq il-*mobile phone* tal-imputat, tidher pjanta twila sew u certament twila izjed minn pied u nofs (u ghalhekk mhux kif jghid l-imputat fix-xhieda tieghu) u li wara l-istess pjanta jidher bhal armadju jew *wall unit* ta’ kulur kannella car b’zewg roti ta’ karozzi fuq l-istess. Dan l-armadju jew *wall unit* jidher ukoll f’ritratt iehor bin-numru 677, ukoll fuq il-*mobile phone* tal-imputat, fuq wara ta’ fond li jidher li huwa garaxx b’vettura u li jidher ukoll li huwa l-istess garaxx tal-imputat ghaliex l-accessorji li hemm mal-hajt jidhru identici mal-accessorji fir-ritratt esebit a fol. 41 tal-process. F’dan l-ahhar ritratt, esebit mar-relazzjoni ta’ PS826 Matthew Parnis, ukoll jidher fuq wara tal-garaxx tal-imputat, armadju jew *unit* tal-istess kulur, b’zewg roti ta’ karozzi mpoggija fuqu, ghalkemm ir-roti jidhru li huma diversi minn dawk fir-ritratti bin-numri 482 u 677 fuq il-*mobile phone* tal-imputat. Dan kollu jindika b’mod car illi l-pjanta li tidher fir-ritratt bin-numru 482 kienet effettivament wahda mill-pjanti li kellu l-imputat fil-garaxx tieghu. Il-Qorti tinnota wkoll illi ghalkemm fil-bidu tax-xhieda tieghu, l-imputat jghid illi huwa xtara z-zerriegha b’isem biss fis-sens li xtara l-isem ta’ tip ta’ zerriegha u mhux taht l-isem *marijuana,* wara jghid illi huwa fittex specifikatament fuq l-*internet* ghal *marijuana* meta gie biex jixtri z-zerriegha. Jghid ukoll illi minn dak li kien ra fuq l-*internet*, seta’ jiddistingwi wkoll liema mill-pjanti tieghu kienu l-pjanti rgiel u liema kienu dawk nisa u spjega wkoll kif kien ghamel din id-distinzjoni u ghalhekk huwa evidenti ghall-Qorti li f’dan l-istadju, zgur li l-imputat ma kienx jidhirlu li l-kultivazzjoni tieghu kienet qeghda tfalli. Effettivament dak li seta’ jara fuq l-*internet* in konnessjoni mat-tkabbir tal-pjanta *cannabis*, kien qed jattwah huwa stess fuq il-pjanti tieghu. Qieset ukoll illi wara kollox, dak li jghid l-imputat fl-

---

[6] A fol. 90 tal-process.
[7] A fol. 92 tal-process.
[8] A fol. 100 tal-process.
[9] Dawn ir-ritratti jinsabu fuq *CD* jew *optical diskette* formanti parti mir-relazzjoni tal-espert, Dr. Martin Bajada (a fol. 74 tal-process). Il-Qorti qeghda hawn tirreferi ghall-pjanti li jidhru fir-ritratti mmarkati bin-numri 259, 260, 261, 276, 279, 442, 479, 482 u 677.

istqarrija tieghu, huwa korroborat mis-sejba tal-oggetti indikati izjed ‘il fuq, fil-garaxx tieghu.

Ghalhekk, minkejja li f’dan il-kaz, ma ngabet l-ebda prova forensika dwar in-natura tal-pjanti li kabbar l-imputat, a bazi tal-istqarrija rilaxxjata minnu, il-Qorti tasal ghall-konvinciment morali illi dak li kien kabbar l-imputat kienu pjanti *cannabis* u xejn izjed, kif jammetti huwa stess fl-istess stqarrija. Wara kollox, hija regola kardinali tal-process kriminali illi l-konfessjoni tal-hati hija l-“prova regina” u ma jistax ikun hemm prova aqwa minnha, dment li din tkun saret volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b’theddid jew b’biza’, jew b’weghdiet jew bi twebbil ta’ vantaggi – haga li lanqas remotament ma sar accenn ghaliha f’dan il-kaz – u kull haga li l-imputat jew l-akkuzat jistqarr, sew bil-miktub kif ukoll bil-fomm, tista’ tittiehed bi prova kontra tieghu (Artikolu 658 tal-Kodici Kriminali).

Hawnhekk il-Qorti tirreferi wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sharon O’Neil**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta’ Jannar 2004, fejn inghad hekk:

“*Tikkontendi* [l-appellanti] *li s-sempliċi fatt li hija ammettiet li kellha fil-pussess tagħha u li xtrat għal ħaddieħor ir-raża tal-cannabis kif ukoll l-“ecstasy”, ma kienx biżżejjed biex il-prosekuzzjoni tipprova sal-grad rikjest mil-liġi l-element materjali tar-reat, u dan peress li dak li hija xtrat seta’ ma kienx verament raza tal-cannabis jew “ecstasy”.*

*Dan l-aggravju huwa, fic-cirkostanzi, wieħed infondat. Huwa veru li, fl-assenza tas-sejba ta’ droga u fl-assenza ta’ l-analiżi tagħha, jista’ jkun hemm ċirkostanzi li jitfgħu dubju dwar kemm verament l-oġġett li dak li jkun xtara (jew żamm jew għadda lil ħaddieħor) kien droga projbita mil-liġi. Mill-banda l-oħra, meta si tratta ta’ oġġett li jiġi kkunsmat, tkun haġa assurda li wieħed jippretendi li f’kull każ, biex tinstab ħtija, hemm bżonn li tinstab ukoll xi droga jew traċċi tagħha jew oġġetti relatati ma’ l-abbuż tad-droga. Fi kliem ieħor, jekk qorti tkun sodisfatta – bħalma l-ewwel qorti kienet sodisfatta f’dan il-każ – li dak li qed jammetti l-imputat huwa minnu, u cioe` f’dan il-każ li l-appellanti verament kellha r-raza tal-cannabis u l- “ecstasy”, u mhux xi “oġġett” ieħor, allura l-ħtija tista’ tiġi bbażata esklussivament fuq tali ammissjoni. L-istess jista’ jingħad għad-deposizzjoni ta’ xhud, wieħed jew aktar, fil-konfront tal-akkużat meta ma tinstabx droga. Fil-każ in eżami din il-Qorti ma tara ebda raġuni għala għandha b’xi mod tvarja l-konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel qorti, konklużjoni bbażata esklussivament fuq iż-żewġ stqarrijiet tal-appellanti.*”

Din is-sentenza giet abbraccjata wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kif diversament presjeduta, fis-sentenza taghha tal-20 ta' Settembru 2013, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Matthew Saviour Felice Pace</u>**.

Ghaldaqstant, a bazi tas-suespost, il-Qorti tqis illi kemm l-ewwel imputazzjoni li tikkontempla r-reat ta' kultivazzjoni tal-pjanta *cannabis*, kif ukoll it-tieni imputazzjoni li permezz taghha l-imputat jinsab akkuzat talli importa gewwa Malta, medicina perikoluza, f'dan il-kaz, iz-zerriegha tal-*cannabis*, gew sodisfacentement ippruvati fil-grad rikjest mil-ligi.

Permezz tat-tielet imputazzjoni, l-imputat gie addebitat bir-recidiva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 u dan a bazi ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Ottubru 2012. Il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja ta' sentenza moghtija mill-imsemmija Qorti, fid-data msemmija, fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Maria Stella Attard) vs Ivan Mallia'.[10] Fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2014, id-difiza ddikjarat illi kienet qeghda taqbel illi l-imputat f'dik is-sentenza kien l-imputat odjern. Biss l-imsemmija sentenza inghatat fil-25 ta' Ottubru 2012, mentri r-reati odjerni gew kommessi mill-imputat f'Settembru 2011 u x-xhur ta' wara din id-data. Jekk wiehed iqis dak li jghid l-imputat fl-istqarrija tieghu, fis-sens illi huwa zera l-pjanti *cannabis* f'Settembru 2011, li xi xahrejn wara nehha l-pjanti rgiel, wara xahar iehor il-pjanti nisa kienu kibru xi metru u nofs, izda meta wasal iz-zmien li jikbru l-fjuri, dawn gew attakkati mill-insetti u ddecieda li jarmi kollox, fil-fehma tal-Qorti ma jirrizultax sodisfacentement ippruvat li sad-data tas-sentenza in kwistjoni, huwa kien ghadu qieghed ikabbar il-pjanti *cannabis*. Ghalhekk, ma jistax jinghad illi meta l-imputat ikkommetta r-reati odjerni huwa kien recidiv a bazi ta' din is-sentenza. Ghaldaqstant, l-addebitu tar-recidiva ma jirrizultax ippruvat fil-grad rikjest mil-ligi.

## <u>Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena</u>

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni, fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputat, kif aggornata sa Jannar 2013, liema fedina penali m'hijiex wahda allarmanti.

Qieset ukoll illi ghalkemm l-imputat ma rregistrax ammissjoni f'dawn il-proceduri, huwa kkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, kif jirrizuta car mill-istqarrija rilaxxjata minnu, tant illi kien principalment a bazi ta' din l-istqarrija li

[10] Ara s-sentenza esebita a fol. 19 *et seq* tal-process.

huwa gie mixli bl-imputazzjonijiet odjerni.  Qieset ukoll mill-banda l-ohra, is-serjeta` tar-reati odjerni.

Qieset ukoll illi ai termini tal-Artikolu 22(1B) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, il-kelma "jittraffika" b'referenza ghal traffikar f'medicina, tinkludi l-koltivazzjoni u illi ai termini tal-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-reat ta' kultivazzjoni tal-pjanta tal-*cannabis* huwa punibbli tassattivament b'terminu ta' prigunerija ta' mhux inqas minn sitt xhur u mhux izjed minn ghaxar snin flimkien ma' multa ta' mhux inqas minn €465.87 u mhux izjed minn €11,646.87.  F'dan il-kaz certament li m'huwiex applikabbli l-Artikolu 7 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, ghaliex l-imputat, b'ammissjoni tieghu stess, ikkoltiva izjed minn pjanta wahda.  In oltre il-Qorti tikkunsidra wkoll illi f'dan il-kaz, l-importazzjoni taz-zerriegha tal-*cannabis* ghandha tigi meqjusa bhala mezz ghall-fini ghar-reat ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni, ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 u ghalhekk il-Qorti ser timponi piena wahda, f'dan il-kaz ghar-reat ta' kultivazzjoni.

Qieset ukoll illi f'dan il-kaz, jirrizulta illi l-imputat ikkoltiva tmien pjanti *cannabis* f'perjodu wiehed u li ma jirrizultax illi l-istess imputat kien altrimenti involut b'xi mod fid-droga.  Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi jkun idoneu li timponi piena lejn il-minimu.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(c), 10(1), 12, 15A, 22(1)(a), 22(1B) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9, qed issib lill-imputat mhux hati tat-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu ossia tal-addebitu tar-recidiva u qeghda tilliberah minnha, fil-waqt illi qed issibu hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u tikkundannah ghall-piena ta' tmien (8) xhur prigunerija effettiva u multa ta' disa' mitt Euro (€900) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9, tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data ta' din is-sentenza.  B'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Tordna d-distruzzjoni tal-oggetti kollha li gew esebiti formalment minn PS 122 Arthur Borg flimkien mar-relazzjoni tieghu u r-rilaxx, favur il-hati, tal-*mobile phone* esebit flimkien mar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez tal-esperti li gew nominati fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta dwar dan il-kaz, ossia l-ammont ta' erbatax-il Euro u hamsa u hamsin centezmu (€14.55), rapprezentanti l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni ta' PS 122 Arthur Borg, l-ammont ta' tnejn u sebghin Euro u sbatax-il centezmu (€72.17), rapprezentanti l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni ta' PS 826 Matthew Parnis u l-ammont ta' mitejn, erbgha u sebghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€274.87), rapprezentanti l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada, b'kollox ammontanti ghas-somma ta' tliet mija, wiehed u sittin Euro u disgha u hamsin centezmu (€361.59), liema spejjez ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien tliet (3) xhur mil-lum.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat